Mellieħa

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**
126, Triq il-Mitħna l-Ġdida,
Mellieħa

IS-SEBA' KUNSILL

12 ta' Diċembru 2013

**It-Tlettax-il Seduta tas-Seba' Kunsill Lokali Mellieħa ser issir nhar t-Tlieta 17 ta' Diċembru 2013 fis-7.00pm, fl-indirizz t'hawn fuq.**

## AGENDA

1. Qari u korrezzjoni tal-minuti
2. Materji mqajjma fil-minuti
3. Korrispondenza
4. Skedi ta' Xiri u Ħlasijiet
5. Ftehim mal-Fondazzjoni ARKEO dwar it-tmexxija tal-*Heritage Trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ
6. Tħejjijiet għall-attivitajiet marbuta ma' Milied Mellieħi bejn il-20 u l-25 ta' Diċembru 2013
7. Mozzjoni dwar il-kiri ta' tinda għal Milied Mellieħi 2013
8. Prioritajiet fil-proġetti kapitali bi tħejjija għall-Estimi Finanzjarji tal-Kunsill għall-2014
9. Rendikont Finanzjarju – Lulju / Settembru 2013
10. Mozzjoni dwar il-ħlas ta' *Performance Bonus* lill-impjegati tal-Kunsill

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**

# MOZZJONI

7. **Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku illi tgħid:**

"Billi l-Kunsill iddeċieda li joganizza serje` ta' attivitajiet bl-isem ta' Milied Mellieħi 2013 f'Misraħ il-Parroċċa fil-Mellieħa, bl-użu ta' tinda ta' kejl: 60 metru bi 15-il metru;

Billi saret sejħa għall-offerti (8/2013) skont l-artiklu 40 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) u r-Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Offerti) - Avviż Legali 255 ta' l-2009; u

Billi fl-Estimi għas-sena Finanzjarja 2013 jeżisti vot għall-Attivitajiet Kulturali (3370);

Il-Kunsill jirriżolvi illi għandu jiġi ffirmat kuntratt mad-ditta T.E.C. Ltd sabiex jingħata s-servizz imsemmi bejn it-18 u s-27 ta' Diċembru 2013, bi spiża ta' €6,900.".

(A/5/3/6/Vol III)

Clayton Bartolo – Viċi Sindku
**Proponent**

Joseph Gauci - Kunsillier
**Sekondant**

11. **Mozzjoni mressqa mis-Sindku J. Buttigieg illi tgħid:**

"Billi r-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani) 6(1) u 19(1), kif emendati bl-Avviżi Legali 127/98, 89/2000, 64/2001 u 282/05 jipprovdu għall-ħlas ta' *performance bonus* lill-impjegati tal-Kunsill; u

Billi fl-estimi għas-sena finanzjarja 2013 ġiet ivvutata somma għal dan il-għan, filwaqt li jidher illi ngħata servizz sodisfaċenti mill-uffiċjali Jonathan Micallef, Yvonne Muscat, Marvic De Bono, Marica Azzopardi Gambin u Carmel Debono, matul is-sena 2013, skont ma' jirriżulta mill-*Performance Appraisal Report* li ġie mħejji skont l-Iskeda A, tal-imsemmija regolamenti;

Il-Kunsill jirriżolvi illi fl-aħħar ta' Diċembru 2013, is-Segretarju Eżekuttiv u l-impjegati l-oħra msemmija għandhom jitħallsu l-perċentwali ta' 10% u 6%, rispettivament, bħala *performance bonus*, maħdum fuq is-salarji bażiċi rispettivi mħallsa sa l-aħħar tal-istess xahar.". (Wages)

John Buttigieg - Sindku
**Proponent**

Hilary Fenech - Kunsillier
**Sekondant**